MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Appell Civili Numru. 282/1997/1

**Anthony Bugeja**

**vs**

**Publius Micallef, u lil Mary mart l-istess Publius Micallef, ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari.**

B'citazzjoni tas-7 ta' Frar, 1997 l-attur ppremetta li bi skrittura tal-ghaxra (10) ta' Gunju, tal-elf disa' mija sitta u disghin (1996) (Dok A), il-konvenut Publius Micallef iddikjara lilu nnifsu bhal cert u likwidu debitur tal-attur fis-somma ta' tmint elef u erbghin lira Maltin (LM8,040), rappresentanti l-bilanc minn ammont akbar lilu mislufa mil-istess attur *brevi manu* f'okkazzjonijiet precedenti; illi l-imsemmi ammont huwa dovut imma l-istess debitur, ghalkemm interpellat anke ufficjalment, naqas li jhallas; u billi l-imsemmi kreditu huwa cert, likwidu u dovut, din il-kawza tista' tigi maqtugha bid-dispensa tas-smigh ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u, fil-fehma tal-attur, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'iressqu kontra t-talba tieghu ghall-hlas tal-ammont imsemmi; (Dok B) talab li l-Qorti:-

1. tiddecidi l-kaz bid-dispensa tas-smigh ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. tikkundannahom, jew lil min minnhom, ihallsu lill-attur is-somma ta' LM8040 mislufa minnu brevi manu kif fuq inghad.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-itta ufficjali tat-18 ta' Dicembru, 1996, u tal-mandat ta' Inibizzjoni kawtelatorju kontestwalment presentat, kontra l-konvenuti, ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

B'nota tat-13 ta' Mejju, 1997 l-konvenuti eccepew:-

1. L-eccipjenti Mary Micallef mhux debitrici tal-attur billi la kienet firmatarja tal-iskrittura de quo u lanqas kienet taf li l-eccipjenti zewgha kien irceva jew issellef flus minghand l-attur. Ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
2. L-ammont indikat fl-iskrittura ghandu jigi ridott a tenur tal-Art. 1852 tal-Kodici Civili (Kap 16). L-attur avvanza kapital ta' hamest elef lira (LM5,000). Il-bilanc kien imghax li allura huwa in eccess tar-rata permessa mill-ligi.
3. Bla pregudizzju ghall-premess, l-eccipjent Publius Micallef mhux id-debitur tal-attur. Ghalkemm hu ffirma l-

iskrittura de quo – ad insaputa ta' martu – l-attur kien jaf li l-eccipjent kien biss intermedjarju u li l-flus kienu destinati lil Raymond Debono. Ghalhekk l-imsemmi Raymond Debono ghandu jissejjah fil-kawza.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tal-5 ta' Novembru 1999 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi, fil-kliem testwali tas-sentenza: "*tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tehles lill-konvenuta Mary Micallef mill-harsien tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet l-ohrajn u tilqa' t-talba ta' l-attur safejn maghmula kontra Publius Micallef. Tikkundanna lil Publius Micallef ihallas lill-attur tmit elef u erbghin lira ta' Malta (LM8,040). Bla hsara ghal dak li jghid l-art. 1329 tal-Kodici Civili, dan id-dejn ma tbatihx il-komunjoni ta' l-akkwisti tal-konvenuti. L-ispejjes ta' l-ewwel eccezzjoni u l-ispejjes kollha tal-konvenuta Mary Micallef ihallashom l-attur; l-ispejjes l-ohrajn kollha jhallashom il-konvenut Publius Micallef.*"

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u b'rikors tal-25 ta' Novembru, 1999 interpona appell lil din il-Qorti fejn talab li ghar-ragunijiet esposti fir-rikors tieghu din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Novembru, 1999 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi waqt li tikkonfermaha fejn din laqghet l-ewwel eccezzjoni u helset lill-konvenuta Mary Micallef mill-harsien tal-gudizzju bl-ispejjes tal-ewwel eccezzjoni u bl-ispejjes kollha tal-istess konvenuta Mary Micallef ibatihom l-attur, tirrevokaha ghall-bqija billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-esponent u tichad it-talba bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-attur.

L-attur wiegeb ghat-talba kontenuta fir-rikors tal-appellanti u fl-istess hin ressaq appell incidentali dwar il-helsien tal-konvenuta Mary Micallef mill-harsien tal-gudizzju u d-dikjarazzjoni ta' l-ewwel qorti li l-kreditu dovut lilu ma jghabbix il-komunjoni tal-akkwisti tal-konvenuti u konsegwentement talab li l-appell interpost mill-konvenuti mis-sentenza tal-5 ta' Novembru, 1999, fil-kawza fl-ismijiet

premessi, jigi michuda u li joghgobha tilqa’ l-appell incidentali tieghu kwantu dik is-sentenza helset lill-konvenuta Mary Micallef mill-harsien tal-gudizzju, u tirriforma b’hekk il-kap tal-ispejjes deciz mill-ewwel Qorti, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.
Il-konvenuta Mary Micallef ppresentat risposta ghall-appell incidentali tal-attur fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li dan l-appell jigi michud.

**Is-sentenza ta’ din il-Qorti:**

**Dwar l-appell principali.**

Is-sentenza appellata, korrettament, tippuntwalizza l-kwistjonijiet li kienu jifformaw l-bazi tal-vertenza u cioe` kemm kien l-ammont ta’ flus li l-attur ghadda lill-konvenut, u dwar jekk il-konvenut deherx f’ismu meta ha s-self jew jekk deherx f’isem haddiehor. Dan stabbilit l-ewwel qorti ghamlet ezami dettaljat tal-provi li ngiebu quddiemha biex waslet ghall-konkluzzjoni li fl-ewwel lok l-konvenut ma rnexxilux igib provi sufficjenti u konkluzzivi biex iwarrab l-presunzjoni li l-iskrittura li saret fl-10 ta’ Gunju, 1996 kienet tohloq favur it-talba attrici sew ghal dak li huwa l-ammontar tad-debitu kif ukoll fir-rigward tal-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur.

Il-kawza tirrizolvi ruhha fuq aspett ta’ kredibilita` u din il-Qorti, ezaminati l-provi u tenut kont tas-sottomissjonijiet tad-difensur tal-konvenut, sew fin-nota tieghu tal-15 ta’ Marzu, 1999 kif ukoll dak li jinghad fir-rikors ta’ l-appell tal-konvenut appellant mhix sodisfatta li hemm ragunijiet bizzejjed biex tiddisturba l-konkluzzjonijiet ta’ l-ewwel qorti li wkoll jidher li ghamlet osservazzjonijiet validi dwar ic-cirkostanzi rizultanti mill-provi. L-aggravji mressqa mill-konvenut appellant kienu effettivament kunsidrati mill-Ewwel Qorti meta din gharblet il-provi, u minnhom gibdet il-konkluzzjonijiet li fil-fehma ta’ din il-Qorti kienu l-unici li setghet tigbet. Lanqas ma kien korrett id-difensur tal-konvenut appellant meta fis-sottomissjonijiet orali tal-25 ta’ Gunju, 2002 sostna, fir-rigward tal-kwistjoni ta’ min kien verament id-debitur tal-attur appellat, li l-ewwel qorti “*dehrilha li kellha assolutament ma taghmel ebda accenn*

*ghalih fis-sentenza appellata*.” Infatti l-ewwel qorti tiddedika sahansitra sitt paragrafi (fol. 4 sa 6 tas-sentenza) fuq din il-kwistjoni u tikkonkludi hekk: “*Il-qorti tifhem li l-konvenut iffirma l-iskrittura f’ismu ghax kien tassew hu d-debitur, u ma temminx din l-istorja li d-debitur ta’ l-attur kienet xi terza persuna. Naturalment, jista’ jkun li l-konvenut ried il-flus biex hu mbaghad jislifhom lil terzi – anzi, jidher li hekk gara – izda dan il-fatt ma jibdilx ir-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenut.*” (sottolinear ta’ din il-Qorti)  Ghalhekk l-aggravji tal-konvenut appellant mhux gustifikati.

**Dwar l-appell incidentali tal-attur.**

L-attur appellat pprevalixxa ruhu mill-appell tal-konvenut biex ai termini tal-artikolu 240 tal-Kap 12 tal-Ligijet ta’ Malta jaghmel appell minn dik il-parti tas-sentenza fejn il-konvenuta Mary Micallef giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjes kontra l-attur.
Qed jigi sottomess mill-attur li “*il-konvenuta ma setghetx ma kinitx taf li zewgha kien debitur tal-esponenti,* (kif irriteniet l-ewwel qorti) *la darba hija stess kienet marret mieghu il-Bank biex tkellem lill-Manager biex tinghata l-facilita` tas-self lil zewgha l-konvenut.......Fit-tieni lok, stqarret li kien hadhom l-esponenti* (il-Bank), *anzi tghid li kien hu li rrikmandahom.*”

Dan premess l-attur jissottometti li l-bazi tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija nieqsa – u cioe` l-assenza tax-xjenza tal-konvenuta dwar is-self - ghalhekk dik l-eccezzjoni qatt ma kien messha intlaqat.

L-ewwel qorti iddisponiet minn din l-eccezzjoni billi fl-ewwel lok ghamlet referenza ghall-artikolu 1322 tal-Kodici Civili li fis-subinciz (2) jitkellem dwar dawk l-atti ta’ amministrazzjoni straordinarja u jipprovdi dwar il-jedd taz-zewg mizzewgin flimkien (sottolinear tal-qorti) li jiwettqu tali atti u l-jedd kongunt tal-konjugi fi proceduri gudizzjarji, u mbaghad iccitat l-paragrafu (f) tas-subinciz (3) tal-istess artikolu fejn “*li tissellef jew tislef flus, barra minn depozitu ta’ flus f’kont f’bank*” huwa att ta’ amministrazzjoni straordinarja. Dan stabbilit l-ewwel Qorti osservat li “*Ma*

*ngiebet ebda xiehda biex turi li l-konvenuta tat il-kunsens taghha biex zewgha jissellef dawn il-flus; anzi, iddahlet fl-istorja meta d-dejn kien ga` sar.”* Minn dan l-ewwel qorti kkonkludiet li dan id-dejn “*huwa parafernali tal-konvenut*” u ghaddiet biex illiberat lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju u sahansitra fil-parti disposittiva tas-sentenza ordnat li “*dan id-dejn ma tbatihx il-komunjoni ta’ l-akkwisti tal-konvenuti.*”

Fil-verita` din il-Qorti thossha turbata b’dan il-pronunzjament ta’ l-ewwel qorti ghas-segwenti ragunijiet:-
1) Il-Kodici Civili taghna (Kap 16) jaghmel distinzjoni bejn dawk l-atti ta’ amministrazzjoni ordinarja, li huma koncessi lill-kull wahda mill-mizzewgin separatament, u li jorbtu lill-komunjoni tal-akkwisti skond is-subinciz (b) tal-Artikolu 1327; u dawk l-atti ta’ amministrazzjoni straordinarja li ma jistghux jigu attwati jekk mhux bil-partecipazzjoni taz-zewg konjugi.
2) L-unika eccezzjoni ghar-regola stabbilita` fis-subinciz (2) ta’ l-Artikolu 1322 insibuha fl-artikolu 1324 li jitkellem dwar atti normali ta’ gestjoni ta’ kummerc, negozju jew professjoni meta il-jedd li jezercita dawk l-atti jkun vestit f’dik il-parti (mill-mizzewgin) li tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni, anke jekk tali atti jkun jikkostitwixxu atti ta’ amministrazzjoni straordinarja.
3) L-att ta’ amministrazzjoni straordinarja li ma jkunx relatat ma’ xi kummerc, negozju jew professjoni, dejjem jehtieg, ad validitatem, il-kunsens jew partecipazzjoni taz-zewg konjugi. Infatti fl-assenza ta’ tali kunsens jew partecipazzjoni, l-parti li ma tkunx hadet sehem f’dak l-att ta’ amministrazzjoni straordinarja, hija intitolata li fi zmien tlett snin tipprocedi ghall-annullament ta’ dak l-att, liema terminu jibda jiddekorri jew minn meta tkun saret taf bih, jew mir-registrazzjoni, jekk dan ikun mehtieg, jew minn meta tintemm il-komunjoni tal-akkwisti. Dan id-dritt tal-konjugi li ma tkunx ippartecipat f’dak l-att ta’ amministrazzjoni straordinarja jispicca ukoll fi zmien tliet xhur mill-jum li fih ikun notifikat l-att lil dik il-parti bil-mezz ta’ att gudizzjarju, kemm-il darba dik il-parti ma tkunx bdiet azzjoni ghal dak l-annullament. (Art. 1326)

4) Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li ttiehdu xi proceduri mill-konvenuta Mary Micallef biex tannulla l-att ta' amministrazzjoni straordinarja konsistenti fl-iskrittura tal-10 ta' Gunju, 1996. Ghalhekk, fl-assenza ta' prova li dik il-parti, espressament jew tacitament, irratifikat dak l-att, ir-rimedju tal-parti li ma tkunx ippartecipat fl-att ta' amministrazzjoni straordinarja, jkun biss li "*tiehu azzjoni biex iggieghel lill-parti li tkun agixxit wahdeha tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista` jsir, taghmel tajjeb ghad-danni li jkunu ggarb*" (Art. 1326(5)).

Minn dan jidher li att ta' amministrazzjoni straordinarja ta' wiehed mill-konjugi wahdu jorbot l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti kemm-il darba ma jkunx hemm pronunzjament tal-qorti dwar in-nullita` ta' dak l-att. Ir-relazzjonijiet interni bejn il-konjugi ghar-reintegrazzjoni jew danni, kif fuq inghad, ma jeffettwawx lit-terz.

Issa fil-kaz in ezami, kif gja rajna aktar-il fuq, il-konvenuta Mary Micallef ma istitwit ebda proceduri kontra l-attur odjern biex tannulla l-iskrittura fuq imsemmija, is-semplici talba biex tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ma jissodisfax il-vot tal-Artikolu 1326 tal Kap 16. Isegwi li dak id-dejn li gie rikonoxxut bl-istess skrittura huwa piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Micallef. Izjed u izjed meta rrizulta li l-konvenuta Mary Micallef attendiet l-Bank biex isir self bl-iskop li jithallas lura dan id-dejn, liema partecipazzjoni hija indikattiva li l-istess Mary Micallef "*espressament jew tacitament*" irratifikat dak l-att. (Art. 1326(5))

L-aggravju mressaq mill-attur appellant ghalhekk jidher gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tipprovdi minn dan l-appell billi:-

1) fl-ewwel lok tikkonferma s-sentenza appellata nkwantu kkundannat lil Publius Micallef skond it-tieni talba attrici, bl-ispejjes kontra tieghu;

2) tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha inkwantu illiberat lill-konvenuta Mary Micallef mill-harsien tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-attur, u konsegwentement

tilqa' t-tieni talba attrici wkoll kontra l-istess Mary Micallef fis-sens li l-konvenuti qed jigu kkundannati solidament bejniethom li jhallsu lill-attur is-somma msemmija fis-sentenza appellata; u
3) Tordna li l-ispejjes kollha kemm tal-prim istanza kif ukoll ta' dan l-appell jigu sopportati mill-konvenuti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------